MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 349/2010

Appell Numru: 349/2010

Il-Pulizija

[Spettur Michael Mallia]

Vs

Glenn Vella

Illum 10 ta' April, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli fit-23 ta' Novembru, 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li ksur l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe :

F' San Gwann, fit-23 ta' Novembru, 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, kkommetta diversi serqiet ta' antikitajiet (valur total ta' madwar €33,000) mill-fond nru.1, sitwat fi Triq taz-Zwejt, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2328.37 u li sehh ghad-detriment ta' Maria Luisa Farrugia u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess perijodu u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, f' Malta, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-Magistrat Dr A Mizzi LL.D, b' digriet ta' dik l-istess Qorti moghti nhar is-27 t' Awwissu 2009 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet waqt li kien mehlus mill-arrest;

Kif ukoll talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi.

Finalment gie akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza mghotija lilu mill-Magistrat Dr S Meli nhar it-12 ta' Novembru 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2010, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 28C, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a), 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u
tikkundannatu tmintax (18) il-xahar prigunerija. Il-Qorti, fil-waqt li rreferiet ghas-sentenza datata 12 ta' Novembru 2009 mghotija fil-konfront ta'l-imputat,

b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 dahhlet fis-sehh il-perjodu ta' sitt xhur prigunerija imposti permezz ta' dik is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Glenn Vella minnu pprezentat fit-28 ta'Lulju, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabithu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi, u tvarja l-istess fejn din sabitu hati li kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u tvarja l-piena inflitta billi tipprovdi ghal wahda aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti, nonostante l-ammissjoni tal-esponent qatt ma setghet sabithu hati talli kkommetta reat li ghalih kien hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat S. Meli nhar it-12 ta' Novembru, 2009 (ara artikolu 392(a)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi ineffetti l-unika prova ta' meta gie kommess ir-reat mill-esponent, huwa appuntu l-istqarrija tieghu. Dan stqarr li huwa kien jisraq b'mod kontinwat xi xahar qabel, jigifieri mill-1 ta' Novembru, sa' gimgha wara, igifieri s-7 ta' Novembru.

Illi s-sentenza sospiza mghotija fil-konfront tieghu kienet inghatat fit-12 ta' Novembru, 2009, jigifieri hamest ijiem wara li gie kommess r-reat adebit.

Illi dwar il-mertu jinghad li mhux qed jigi kkontestat li huwa attwalment ikkommetta s-serq in kwistjoni.

Illi pero` ghandu jinghad li l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u mhux idonea.

Illi s-sentenza indubbjamnet ghandha tigi riveduta u mnaqqsa anke minhabba dak li ntqal qabel.

Illi l-esponent ikkopera pjenement mal-Pulizija Ezekuttiva tant illi anke indika l-persuna li kienet tixtri l-affarjiet misruqa minghandu. Huwa assista lill-istess Pulizija tirkupra r-res furtiva.

Illi jekk din il-Qorti takkolji l-ewwel aggravju ta' l-espoenent allura ma tkunx vjetata milli tikkundannah piena ta' habs sospiza, anke b'ordni ta' supervizjoni.

Illi in effetti minn ezami tal-pre-sentencing report imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana, jirrizulta li li ghandu bzonn l-esponent hija ghajnuna sabiex huwa jeghleb il-problema tad-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Illi l-appellant jiddikjara minn issa li huwa dispost isegwi programm ta' riabilitazzjoni residenzjali f'istitut idoneu.

Ikkunsidrat,

Irrizulta illi l-appellant hu akkuzat talli fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru ta-elfejn u disgha (2009) u gimghat ta' qabel dik id-data huwa dahal fil-fond numru wiehed (1) fi Triq Ta' Zwejt, San Gwann fejn minn hemmhekk seraq ammont ta' ghamara kif ukoll antikitajiet valur ta' madwar tlieta u tletin elf ewro (€ 33,000) kif ukoll li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu ghall-helsien mill-arrest permezz ta' digriet tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elfejn u disgha (2009), talli kien recidiv u finalment talli kkommetta reat meta kien taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija b'decizjoni tat-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009).

L-appellant tressaq il-Qorti u fil-mori tal-kawza fit-tlett (3) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 50) l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Din l-ammissjoni giet konfermata fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju elfejn u ghaxra (2010) (fol 88) fejn din id-darba kien assistit ukoll minn avukat.

Il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 126) fejn ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija oltre sitt (6) xhur ghas-sentenza sospiza illi dahlet fis-sehh bid-dikjarazzjoni tal-Magistrat.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza principalment minhabba l-piena u argumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara operattiva s-sentenza tat-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) peress illi skont l-istqarrija tal-istess appellant, din is-sentenza nghatat wara illi huwa ikkommetta s-serqiet imsemmija. L-appellant jaghmel riferenza ghall-istqarrija tieghu tal-ewwel (1) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009) (a fol 26) fejn jghid illi huwa beda jidhol f'dan il-fond il-Hadd ta' xi xahar ta' qabel fejn kien jiehu l-affarijiet ghand certu Jason il-Hamrun, illi kellu negozju tal-antikitajiet u ghamel xi gimgha shiha jmur ghandu kuljum u johodlu l-affarijiet illi jkun seraq. L-appellant argumenta kwindi illi s-serq waqaf fis-sebgha (7) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) u peress illi s-sentenza sospiza nghatat fit-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) kwindi wara li kien waqaf jaghmel dawn is-serqiet, allura l-ewwel Qorti ma setghetx tordna illi din is-sentenza sospiza tigi fis-sehh.

Ikkunsidrat:

L-akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant issemmi bhala data t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) u fil-gimghat ta' qabel dik id-data. Dina il ghaliex lill-investigaturi rrizultalhom illi kien proprju qabel dik id-data illi saru s-serqiet. L-ewwel stqarrija illi rrilaxxa l-appellant kien fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009). Veru illi f'dik l-istqarrija l-appellant ma ammetta xejn, anzi huwa cahad illi huwa wettaq xi serqiet mill-fond inkwistjoni. F'dik l-istqarrija però l-pulizija qieghdin jirrferu ghal serq illi kien sar fil-lejl illi kien ghadda jew ta' qabel. Veru illi f'dik l-istqarrija, kif già inghad, l-appellant kien innega kwalunkwe konvolgiment u din il-Qorti ma tistax tiehu domanda maghmula mill-investigaturi bhala prova kontra l-appellant. Hi x'inhi però, l-appellant ammetta l-akkuzi tieghu inkondizzjonatament liema akkuzi jirreferu ghal perjodu qabel it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009). Ta' min jirrimarka ukoll illi fit-tieni okkazjoni meta ikkonferma l-ammissjoni tieghu, l-appellant kien assistit minn avukat li ma gabx l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt illi seta' kien hemm xi diskrepanza dwar id-data meta fil-fatt twettqu dawn is-serqiet. Il-Qorti allura bir-ragun ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha.

Fil-kawza Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri l-Qorti tal-Appell kienet qalet fost affarijiet ohra "Fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammeno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah, cioé ssibu hati ta' reat."

Din il-Qorti ma tahsibx illi l-appellant ma fehemx in-natura tal-imputazzjoni. Mill-fedina penali tieghu jidher illi l-appellant huwa ben konxju tal-proceduri tal-Qorti b'sensila ta' reati ta' serq maghmula biex jimmaturaw il-vizzju tad-droga illi huwa kellu. Dwar l-intenzjoni, l-Qorti tirrileva illi l-appellant ikkonferma l-ammissjoni tieghu fuq zewg seduti differenti fejn allura kellu l-opportunità jahsibha sew kif ukoll illi jikkonsulta ma' avukat kif fil-fatt gara fit-tieni okkazjoni illi kien assistit minn avukat. Fl-ahhar, il-fatti ammessi jinkwadraw fis-sentenza moghtija u l-piena

qieghda fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti peress illi fic-cirkostanzi dina setghet legalment u ragjonevolment tinfliggi l-piena illi fil-fatt imponiet fuq l-appellant.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------